

Speċjalist tal-Komunikazzjoni

Unità: Uffiċċju tad-Direttur

Referenza: ECDC/FGIII/2022/DIR-CS

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC qed jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq (kuntratt ta' sentejn). L-ECDC għandu wkoll l-għan li jstabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

Id-detentur tal-impjieg jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima tal-Komunikazzjoni u l-Kelliem u jikkontribwixxi għall-ħidma tat-Taqsima tal-Komunikazzjoni.

Se jkun responsabbli, b'mod partikolari, għall-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- Jappoġġa l-ġestjoni u l-ippjanar ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni speċifiċi;
- Jappoġġa l-ippjanar, l-editjar u l-produzzjoni tal-kontenut għal varjetà ta' mezzi ta' komunikazzjoni (eż. web, midja soċjali, bullettini);
- Jagħti appoġġ dwar il-komunikazzjoni liċ-Ċentru, inkluż dwar il-komunikazzjoni ta' eżiti xjentifiċi, kampanji tas-saħħa pubblika u l-komunikazzjoni tar-riskju;
- Jagħti appoġġ għall-ġestjoni tal-proġetti, inkluż assistenza fl-akkwist;
- Sensibilizzazzjoni u impenn tal-partijiet ikkonċernati u tan-networks;
- Jappoġġa l-ġestjoni u l-manutenzjoni ta' rutina tal-web;
- Iżomm kuntatt dirett ma' kumpaniji u kuntratturi esterni kif meħtieġ;
- Attivitajiet oħra assenjati lit-tim tal-Komunikazzjoni u kwalunkwe komputu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu/tagħha kif mitlub.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Edukazzjoni postsekondarja attestata b'diploma, jew edukazzjoni sekondarja attestata b'diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni postsekondarja u esperjenza professjonali xierqa ta' tliet snin¹;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu/tagħha²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li min jintgħażel ikun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħu bħala ċittadin³;
- Li jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Li jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Li jkun fiżikament b'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Il-kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna *kriterji essenzjali* fir-rigward tal-*esperjenza professjonali* u l-*karatteristiċi personali/ħiliet interpersonal*. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma) miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza fl-appoġġ għall-komunikazzjoni f'organizzazzjoni kbira;
- Esperjenza ta' xogħol f'ambjent internazzjonali/multikulturali;
- Ħiliet tajbin ħafna fl-ippjanar u fil-ġestjoni tal-proġetti murija mill-esperjenza tax-xogħol rilevanti;
- Esperjenza ta' ħidma bi Drupal u/jew sistemi oħra ta' ġestjoni tal-kontenut tal-web;
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonal:

- Tkun xprunat(a) mill-kwalità u tkun orjentat(a) lejn is-servizz;
- Ħila li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni, orali u bil-miktub;
- Orjentat/a lejn il-ksib tar-riżultati;
- Ikollok ħiliet organizzattivi tajbin ħafna u l-kapaċità li tipprijorizza l-kompiti;

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin minn awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

² Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliš bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

³ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

Il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu.

Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari ma tigarantix ir-reklutaġġ. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħ.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi rreklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-artikolu 3a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu limitat ta' sentejn b'kuntratt li jista' jiġġedded skont il-finanzjament tal-proġett. Il-ħatra se tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni III**.

L-applikanti għandhom ikunu jafu r-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Il-proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz tas-sistema ta' reklutaġġ elettronika tal-ECDC, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u ssottomettiha. **L-ECDC ma jaċċetta applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikun hemm traffiku kbir fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ awtomatiku bl-email li jikkonferma l-

wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁴ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁴ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operat ta' kuljum fl-Aġenzija ġeneralment hija l-Ingliż. Għalhekk, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.